MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Numru 11/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
Andy Calleja
Mario Borg
Mark George Falzon
Ian Galdes

Il-Qorti,

**Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 11 tas-sena 2003, kif emendat kontra l-akkuzati Andy Calleja, Mario Borg, Mark George Falzon u Ian Galdes, li bih huma gew akkuzati talli :**

**1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi bhala parti minn pjan akbar miftiehem bejn Andy Calleja, Mario Borg, Mark George Falzon u Ian Galdes sabiex f'xi data fix-xahar ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed jaghmlu serqa kbira minn xi fergha ta' Bank kummercjali, huma lkoll flimkien ftehmnu li parti mill-**

**ezekuzzjoni ta' din is-serqa kellha tkun billi qabel xejn tinsteraq xi karozza minn x'imkien sabiex tintuza fl-istess serqa b'tali mod biex il-Pulizija w xi nies ohra li talvolta jistghu jkunu prezenti ma jkunux jistghu jorbtu l-kommissjoni tad-delitt maghhom jew ma xi hadd minnhom.**
**Kien ghalhekk li fil-wiehed u tletin t'Ottubru tal-imsemmija sena 2001, l-erba li huma flimkien, filwaqt li kienu fil-vicinanzi taz-Zejtun ghal dak il-ghan, xehtu ghajnejhom fuq vettura partikolari Lada bin-numru JBA-497 li kienet ipparkjata w li kienet tappartjeni lil John Paul Cesare. Kienu Ian Galdes u Andy Calleja li rnexxielhom jifthuha filwaqt li huma w Mario Borg irnexxielu jistartja l-makna taghha. Imbaghad kien Mark George Falzon li saqha minn hemm bil-malviventi l-ohra shabu kollha riekbin mieghu. Din il-vettura baqghet fil-pussess u kontroll taghhom sakemm wasal il-jum fejn kienu miftehmin li jaghmlu "hold-up" fuq fergha ta' Bank kummercjali kif sejjer jinghad fil-kapi immedjatament ta' wara dan. L-istess vettura kienet allura tiswa aktar minn mitt Lira Maltin.**

**Inoltre, nhar it-tnax ta' Novembru tal-istess sena 2001, l-erba malviventi hawn imsemmija wkoll serqu w qalghu l-pjanci tar-registrazzjoni (number plates) minn vettura bin-numru IAF-554 ipparkjata Birkirkara w li kienet tappartjeni lil Giovanni Borg.**

**Illi b'eghmilhom l-imsemmija Andy Calleja, Mario Borg, Mark George Falzon u Ian Galdes saru hatjin ta' serq ta' oggett (vettura) li tiswa aktar minn mitt lira, liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza (meta il-hallelin jipprezentaw ruhom izjed minn tnejn- vjolenza numerika), bil-valur (meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitt lira), bil-mezz (meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra) u bix-xorta tal-haga misruqa (meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta', jew fuq xi haga li tkun go, dik il-vettura).**

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Andy Calleja, Mario Borg, Mark George Falzon u Ian Galdes ta' serq ta' oggett (vettura) li tiswa aktar minn mitt lira, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza (meta l-hallelin jipprezentaw ruhhom izjed minn tnejn – vjolenza numerika), bil-valur (meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitt lira), bil-mezz (meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra) u bix-xorta tal-haga misruqa (meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta, jew fuq xi haga li tkun go, dik il-vettura).

U peress li kull wiehed mill-akkuzati, barra l-akkuzat Mark George Falzon, kienu precedentement instabu hatja ta' delitti, inkluz dak tas-serq aggravat, b'sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula jew imhassra, l-Avukat Generali addebitahom ukoll bir-recidiva.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi kull wiehed minnhom, jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn hames snin sa disgha snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(b)(c)(g), 262(1)(a)(c), 263(a), 267, 271, 276, 277, 278, 279(a), 280, 281, 49, 50, 289, 31, 17(b), 329, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

**2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi fit-12 ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001), fil-fergha tal-Bank of Valletta gewwa Ta' Farsina, Qormi, ghal xi l-ghaxra w kwart ta' filghodu, filwaqt illi kien hemm diversi parruccani fl-imsemmi fergha tal-Bank, hin bla waqt, waqfet karozza b'erbat irgiel mghammda, u cioe' Andy Calleja, Mario Borg, Mark George Falzon u Ian Galdes, li nizlu hesrem mill-karozza li kien qieghed isuq, u rehewlha ghal gewwa l-Bank bil-hsieb illi jisirqu w jidderubaw. L-ewwel li ghamlu kien li sparaw lejn il-bieb principali tad-dhul li kien tal-hgieg, u dana sabiex ifarrkuh u jkollhom access liberu ghal**

**gewwa. Kif dahlu gewwa, huma iffermaw lil kull min kien jinstab gewwa dak il-hin, madwar hamsa min-nies, u taw ordni lill-kaxxiera sabiex jaghtuhom il-flus li kien hemm facilment disponibbli. Sabiex dawn il-malviventi temporanjament hadu kontroll esklussiv tal-akkwati tal-fergha tal-Bank uzaw certu forza, tant li anke ikkagunaw hsarat fil-propjeta' tal-Bank.**

**Illi l-imsemmija Andy Calleja, Mario Borg, Mark George Falzon u Ian Galdes serqu somma ta' aktar il-fuq minn elf Lira Maltin fi flus kontanti. Illi sabiex ikkommettew u filwaqt li kienu qieghdin jikkommettu din is-serqa, kull wiehed mill-imsemmija Andy Calleja, Mario Borg, Mark George Falzon u Ian Galdes ikkagunaw diversi hsarat u heddew bil-fomm lil xi parruccani li jekk ma jobdux l-ordni li huma kienu qeghdin jaghtuhom, joqtluhom jew iwegghuhom.**

**Mhux talli hekk biss, imma wkoll f'hin minnhom Mario Borg, Mark George Falzon u Ian Galdes intebhu f'hin tajjeb b'dak li gie f'mohhu li jaghmel Andy Calleja meta dana ra lill-kuntistabbli Roger Debattista jipprova jisfratta s-serqa li kienet qeghda ssir, billi johrog bil-mod u bil-mohbi l-arma li kellu ghall-protezzjoni tieghu w ta' haddiehor. Kien hawn li Andy Calleja spara l-ewwel tir lejn Debattista fejn laqtu, pero' mhux b'mod fatali. Andy Calleja, allura w imbaghad, rega ikkarga sabiex jipprepara halli jispara t-tieni tir u jimmira ahjar lejn il-persuna ta' Debattista, u precizament lejn in-naha tal-lemin tal-istonku tieghu, bil-ghan u hsieb li joqtlu sabiex b'hekk jghin il-konsumazzjoni ta' dan id-delitt u l-helsien tieghu u ta' shabu malviventi mill-piena jew mill-arrest. Hawnhekk, it-tlett shab l-ohra malviventi ta' Andy Calleja, ghad li kienu jafu b'dan l-att omicida filwaqt li kien qieghed isir, u ghad li kienu jistghu jimpeduh, kull wiehed minnhom hallewh isir. Dana wkoll ghaliex kollha kemm huma kienu miftehma minn qabel li jmorru hemmhekk armati w li jekk ic-cirkostanzi hekk ikunu jirrikjedu, jisbarazzaw minn u joqtlu lil kull min ifixxkel jew jipprova ifixxkilhom. Wara li hallewh isir, dan l-att omicida da parti ta' Andy Calleja, ilkoll kemm huma wkoll hadu pussess u kontroll tal-arma tan-nar**

**li biha kien munit Roger Debattista, li issa kien mejjet mal-art.**

**Wara li sehh dan kollu, l-erba malviventi fuq imsemmija harbu minn fuq il-post b'vettura li kienet tistennihom barra, u cioe' vettura Lada hamra li kienet rappurtata misruqa fix-xahar ta'Ottubru ta' qabel tas-sena 2001. L-ghada, fil-vicinanzi ta' ghalqa hdejn il-Knisja ta' San Frangisk, il-Hamrun, u fil-kors tal-investigazzjonijiet taghha li bdew minnufih, il-Pulizija irnexxiela ssib il-maggor parti tal-flus misruqa, f'ammont ta' cirka l-fuq minn hames telef Lira Maltin, anke jekk uhud minnhom parzjalment mahruqa, kif ukoll l-arma li kienet ittiehdet lil Roger Debattista, flimkien ma xi hwejjeg u jogging shoes li l-malviventi kienu uzaw f'din il-hold-up.**

**Illi b'eghmilhom l-imsemmija Andy Calleja, Mario Borg, Mark George Falzon u Ian Galdes saru hatjin ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza (meta jsir flimkien ma omicidju - fil-kaz biss ta' Andy Calleja - offiza fuq il-persuna ta' eta' ta' aktar minn hamsa w sittin sena, sekwestru tal-persuna, theddid bil-fomm ta' omicidju w ta' offiza fuq il-persuna, arma, vjolenza numerika, u hsara fil-propjeta'), bil-lok, (f'mahzen jew f'tarznar tal-Gvern, jew f'lok iehor ta' depozitu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita' tal-pubbliku) u bil-valur.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Andy Calleja, Mario Borg, Mark George Falzon u Ian Galdes, lkoll barra Mark George Falzon recidivi f'delitt ta' serq, hatja ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza (meta jsir flimkien ma omicidju – fil-kaz biss ta' Andy Calleja - offiza fuq il-persuna ta' aktar minn hamsa w sittin sena, sekwestru tal-persuna, theddid bil-fomm ta' omicidju w ta' offiza fuq il-persuna, arma, vjolenza numerika, w hsara fil-propjeta'), bil-lok (f'mahzen jew f'tarznar tal-Gvern,**

**jew f'lok iehor ta' depozitu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita' tal-pubbliku) u bil-valur.**

**U peress li kull wiehed mill-akkuzati, barra l-akkuzat Mark George Falzon , kienu precedentement instabu hatja ta' delitti, inkluz dak tas-serq aggravat, b'sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula jew imhassra, l-Avukat Generali addebitahom ukoll bir-recidiva.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi Andy Calleja jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomor , u Mario Borg, Mark George Falzon u Ian Galdes jigu kundannati ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sentejn u mhux izjed minn seba snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 45(c), 261(a)(c)(e), 262(1)(a)(c), 269(d), 272, 274, 276A, 277(a), 20, 279(b), 280(2), 281(a), 287, 289, 31(1)(b)(vi)(v)(iv)(iii)(ii)(i), 17(b), 329, 20, 22, 23, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.**

**3) u wara li fit-Tielet Kap tal-Att ta' l-Akkuza, li hu alternattiv ghat-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza , l-Avukat Generali ppremetta illi filwaqt li Andy Calleja, flimkien ma tlett persuni ohra, kien qieghed jippartecipa fil-"hold-up" li saret fuq il-fergha tal-Bank of Valletta gewwa Ta' Farsina, Qormi, huwa kien armat billi kellu senter isserrat f'idejh.**

**Fl-imsemmija fergha tal-Bank nhar it-12 ta' Novembru tal-imsemmija sena 2001, f'nofs l-ghodwa, kien hemm ghassa mal-Bank Roger Debattista, li normalment kien jahdem bhala kuntistabbli w li kien ilahhaq dan it-tip ta' xoghol addizzjonali kull meta seta'. Roger Debattista kien fid-dmir li jipprevjeni kull tip ta' reat li seta jsir sia fuq il-propjeta' tal-Bank kif ukoll fuq il-inkolumita' tan-nies u impjegati li minn hin ghal hin ikunu jinstabu gewwa jew fil-vicinanzi immedjati tal-istess Bank.**

**Kien ghalhekk li filwaqt li kienet qeghda ssir il-"hold-up", lemah lil Andy Calleja bl-arma f'idejh u sab il-mument li jipprova jiddefendi lil kull min kien qieghed jigi vitimizzat minn Andy Calleja u shabu, kif ukoll li jipprova johrog l-arma li kellu fuqu Roger Debattista, Andy Calleja nduna b'dik il-mossa u spara tir sabiex iwaqqfu hesrem. Dan it-tir laqat lil Debattista, pero' mhux b'xi mod li sa dak il-hin seta jitqies fatali. Minkejja dan, Andy Calleja iddecieda, bil-hsieb li joqtol lil Debattista, li jispara t-tieni tir, kif fil-fatt ghamel meta mmira lejh it-tieni tir, Roger Debattista waqa stendut mal-art u fi ftit sekondi miet.**

**Illi b'eghmilu l-imsemmi Andy Calleja sar hati ta' omicidju volontarju, u cioe' talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Roger Debattista jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, ikkagunalu l-mewt.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Andy Calleja hati ta' omicidju volontarju, u cioe' talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil persuna ohra jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt.**

**U peress li Andy Calleja kien precedentement instab hati ta' delitti, inkluz dak tas-serq aggravat, b'sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra, l-Avukat Generali addebitah ukoll bir-recidiva.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat, u li huwa jigi kkundannat u jehel il-piena ta' prigunerija ghal ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 492, 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

**Rat in-Nota tal-Prosekuzzjoni tal-25 ta' Mejju, 2004 li biha, ai termini tal-artikolu 600 (1) tal-Kodici Kriminali , b' riferenza ghat-tieni kap, u limitatament fil-konfront biss ta' Mario Borg , Mark George Falzon u Ian Galdes , ceda u rtira l-komponenti ta' omicidju volontarju fil-kwalifika tal-vjolenza fid-delitt ta' serq , b' tali mod li konsegwentement il-parametri tal-piena mitluba minnu ghal kull wiehed minn dawn it-tlitt akkuzati ghandhom jaqraw prigunerija ta' mhux inqas minn sentejn u mhux izjed minn seba snin , fil-waqt li dan il-kap ghandu jibqa' intatt u shih kif redatt fil-konfront tal-akkuzat Andy Calleja u, ghal kull buon fini , gie precizat li l-alternattivita' tat-tielet kap fil-konfront tal-akkuzat Andy Calleja ghandha taqra u tiftiehem li hija ghat-tieni kap u mhux l-ewwel kap kif erronjament indikat minnhabba 'lapsus'.**

**Rat in-Nota ulterjuri tal-Avukat Generali tat-28 ta' Mejju, 2004 li biha indika li fl-eventwalita' biss li l-akkuzat Andy Calleja jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba kontrih, ovvjament u legalment tkun applikabbli d-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali , u , ghaldaqstant , fi hdan dak il-parametru ta' piena mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti , din il-Qorti ser tkun fl-ahjar pozizzjoni li tiddeciedi w tinfliggi piena ta' prigunerija ghall-periodu li jidhrilha tkun xierqa , idonea u adegwata ghac-cirkostanzi u fattispecje tal-kaz;**
**Rat il-verbali registrati mill-erba akkuzat fil-kors tal-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2004, fejn huma rrinunzjaw ghall-kull terminu spettanti lilhom skond il-ligi w ddikjaraw li l-kawza setghet issir u tigi deciza dak in-nhar .**

**Rat il-verbal li bih Dr. Lynn Zahra ghall-akkuzat Mario Borg , iddikjarat li m'ghadhiex tinsisti fuq in-nota tax-xhieda li kienet giet ipprezentata tardivament u li bih Dr. Anthony Barbara ghall-Prosekuzzjoni ddikjara li , in vista ta' dan, hu kien qed jirtira l-eccezzjoni tieghu ghall-prezentata ta' dik in-nota;**

**Rat il-verbal tal-istess udjenza li bih din il-Qorti ddikjarat li kienet hadet konjizzjoni tan-nota tal-Avukat Generali tal-25 ta' Mejju, 2004 , fuq imsemmija u ordnat id-debita korrezzjoni fit-tieni u fit-tielet kap tal-Att ta'l-Akkuza ;**

**Rat il-verbal tal-istess udjenza li bih l-akkuzati kollha taw ruhom notifikati b' din in-nota u ddikjaraw li kienu qed jaderixxu illi kwantu l-Att tal-Akkuza jirrigwarda lill-akkuzati Mario Borg, Mark George Falzon u Ian Galdes , it-tieni Kap ghandu jaqra u jiftiehem li l-kwalifika tal-vjolenza mhux qed tigi bazata fuq l-omicidju volontarju imma fuq l-elementi l-ohra kollha li jidhru fl-istess kap ta' l-Att ta' l-Akkuza  w taw ruhom notifikati bid-debiti korrezzjonijiet ; kif ukoll li bih l-akkuzat Andy Calleja wahdu ddikjara li kien qed jaderixxi ghall-korrezzjoni biex fejn fit-Tielet Kap fuq nett jidhru l-kliem : "ghall-ewwel" dawn jigu sostitwiti bil-kliem : "ghat-tieni" , u ghalhekk ta ruhu notifikat bil-korrezzjoni opportuna;**

**Rat il-verbal li bih Dr. Mark Said ghall-prosekuzzjoni ddikjara li l-addebitu tar-recidiva li jissemma fl-ewwel u fit-tieni kap ma japplikawx fil-konfront tal-akkuzat Mark George Falzon u li bih Dr. Manwel Mallia u Dr. Giannella Caruana Curran ghall-istess akkuzat iddikjaraw li jaderixxu ma dan u li bih il-Qorti ordnat id-debita korrezzjoni fl-att tal-akkuza u l-akkuzat Mark George Falzon ta ruhu notifikat bl-istess ;**

**Rat il-verbal li bih il-bank tad-difiza kollu ghan-nom tal-erba akkuzati ezentaw**

**lill-Qorti mill-qari tal-att tal-akkuza kif emendat u kjarifikat ;**

**Rat illi waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju, 2004,  l-akkuzati mistoqsija jekk hux hatja skond l-Att tal-Akkuza,  kif emendat,  wiegbu billi kull wiehed minnhom stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;**

**Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghthom ftit taz-zmien biex jergghu lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, kull wiehed milll-erba akkuzati baqa' jtenni t-twegiba li hu kien hati;**

**Rat il-verbal tal-istess udjenza li bih il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta' li l-Avukat Generali jesebixxi b' nota il-fedina penali aggornata tal-erba akkuzati bil-visto tad-difensuri tal-akkuzati u bil-fakolta' lid-difiza li , jekk ikollha xi osservazzjoni x' taghmel dwar il-fedini penali tal-akkuzati , taghmel dan b'nota li kellha tigi prezentata sal-ghada 1 ta' Gunju, 2004.**

**Rat in-Nota tal-Avukat Generali bil-fedini penali aggornati tal-akkuzati ;**

**Rat ir-rikors (minnflok nota) tal-akkuzat Mario Borg tal-1 ta' Gunju, 2004, ir-risposta tal-Avukat Generali tal-istess data u d-Digriet relattiv ta' din il-Qorti tat-2 ta' Gunju, 2004 ;**

**Tiddikjara ghalhekk li** Andy Calleja**, fil-31 t' Ottubru, tas-sena elfejn u wiehed (2001), fiz-Zejtun, sar hati ta' serq ta' vettura Lada bin-numru JBA 497 li kienet tappartjeni li John Paul Cesare liema vettura kienet tiswa' aktar minn mitt lira u liema serq kien kwalifikat bil-vjolenza (meta l-hallelin jipprezentaw ruhom izjed minn tnejn – vjolenza numerika) , bil-valur (meta l-haga misruqa tkun tiswa' aktar minn mitt lira) bil-mezz (meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra) u bix-xorta tal-haga misruqa (meta jsir fuq xi vettura f' post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku , jew fuq xi parti jew accessorju ta' , jew fuq xi haga li tkun go , dik il-vettura ) meta hu kien precedentement instab hati ta' delitt , inkluz dak ta' serq aggravat , b'sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula jew imhassara w dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;**

**Kif ukoll tiddikjara li** Andy Calleja **, fit-12 ta' Novembru, tas-sena elfejn u wiehed (2001), fil-Fergha tal-Bank of Valletta gewwa Ta' Farsina, Qormi, ghal xil-ghaxra w kwart ta' filghodu, sar hati ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira , liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza (meta jsir flimkien ma omicidju , offiza fuq il-persuna ta' eta' ta' aktar minn hamsa w sittin sena, sekwestru tal-persuna , theddid bil-fomm ta' omicidju u ta' offiza fuq il-persuna, arma, vjolenza numerika u hsara fil-proprjeta'), bil-lok, (f'mahzen jew f'tarznar tal-Gvern , jew f' lok iehor ta' depozitu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita' tal-pubbliku ) u bil-valur, b'dana li hu kien precedentement instab hati ta' delitti, inkluz dak ta' serq aggravat , b'sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u ghalhekk huwa recidiv u dana skond it-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza ;**

**Kif ukoll tiddikjara illi fir-rigward ta'** Andy Calleja **t-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza kien alternattiv ghat-Tieni Kap li tieghu instab hati w ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu ;**

***********

**2. Tiddikjara ghalhekk li** Mario Borg**, fil-31 t' Ottubru, tas-sena elfejn u wiehed (2001) fiz-Zejtun sar hati ta' serq ta' vettura Lada bin-numru JBA 497 li kienet tappartjeni li John Paul Cesare liema vettura kienet tiswa' aktar minn mitt lira u liema serq kien kwalifikat bil-vjolenza (meta l-hallelin jipprezentaw ruhom izjed minn tnejn – vjolenza numerika) , bil-valur (meta l-haga misruqa tkun tiswa' aktar minn mitt lira) bil-mezz (meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra) u bix-xorta tal-haga misruqa (meta jsir fuq xi vettura f' post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku , jew fuq xi parti jew accessorju ta' , jew fuq xi haga li tkun go , dik il-vettura ) meta hu kien precedentement instab hati ta' delitt , inkluz dak ta' serq aggravat , b'sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula jew imhassara w dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;**

**Kif ukoll tiddikjara li** Mario Borg**, fit-12 ta' Novembru, tas-sena elfejn u wiehed (2001) fil-Fergha tal-Bank of Valletta gewwa Ta' Farsina, Qormi, ghal xil-ghaxra w kwart ta' filghodu, sar hati ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira , liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza (meta jsir flimkien ma  offiza fuq il-persuna ta' eta' ta' aktar minn hamsa w sittin sena, sekwestru tal-persuna , theddid bil-fomm ta' omicidju u ta' offiza fuq il-persuna , arma, vjolenza numerika u hsara fil-proprjeta'), bil-lok, (f'mahzen jew f'tarznar tal-Gvern , jew f' lok iehor ta' depozitu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita' tal-pubbliku ) u bil-valur, b'dana li hu kien precedentement instab hati ta' delitti, inkluz dak ta' serq aggravat , b'sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u ghalhekk huwa recidiv u dan skond it-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza .**

*********

**3. Tiddikjara  ghalhekk li** Mark George Falzon**, fil-31 t' Ottubru, tas-sena elfejn u wiehed  (2001) fiz-Zejtun sar hati ta' serq ta' vettura Lada bin-numru JBA 497 li kienet tappartjeni li John Paul Cesare liema vettura kienet tiswa' aktar minn mitt lira u liema serq kien kwalifikat bil-vjolenza (meta l-hallelin jipprezentaw ruhom izjed minn tnejn – vjolenza numerika ), bil-valur (meta l-haga misruqa tkun tiswa' aktar minn mitt lira) bil-mezz (meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra) u bix-xorta tal-haga misruqa (meta jsir fuq xi vettura f' post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta' , jew fuq xi haga li tkun go , dik il-vettura ) w dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;**

**Kif ukoll tiddikjara li** Mark George Falzon **, fit-12 ta' Novembru, tas-sena elfejn u wiehed (2001) fil-Fergha tal-Bank of Valletta gewwa Ta' Farsina, Qormi, ghal xil-ghaxra w kwart ta' filghodu, sar hati ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira , liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza (meta jsir flimkien ma  offiza fuq il-persuna ta' eta' ta' aktar minn hamsa w sittin sena, sekwestru tal-persuna , theddid bil-fomm ta' omicidju u ta' offiza fuq il-persuna,  arma, vjolenza numerika u**

**hsara fil-proprjeta'), bil-lok, (f'mahzen jew f'tarznar tal-Gvern , jew f' lok iehor ta' depozitu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita' tal-pubbliku ) u bil-valur, u dana skond it-tieni kap tal-att ta' l-Akkuza;**

********

**4. Tiddikjara ghalhekk li** Ian Galdes**, fil-31 t' Ottubru, tas-sena elfejn u wiehed (2001) fiz-Zejtun sar hati ta' serq ta' vettura Lada bin-numru JBA 497 li kienet tappartjeni li John Paul Cesare liema vettura kienet tiswa' aktar minn mitt lira u liema serq kien kwalifikat bil-vjolenza (meta l-hallelin jipprezentaw ruhom izjed minn tnejn – vjolenza numerika) , bil-valur (meta l-haga misruqa tkun tiswa' aktar minn mitt lira) bil-mezz (meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra) u bix-xorta tal-haga misruqa (meta jsir fuq xi vettura f' post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku , jew fuq xi parti jew accessorju ta' , jew fuq xi haga li tkun go , dik il-vettura ) meta hu kien precedentement instab hati ta' delitt , b'sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula jew imhassara w dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' l-Akkuza;**

**Kif ukoll tiddikjara li** Ian Galdes**, fit-12 ta' Novembru, tas-sena elfejn u wiehed (2001) fil-Fergha tal-Bank of Valletta gewwa Ta' Farsina, Qormi, ghal xil-ghaxra w kwart ta' filghodu, sar hati ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira , liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza (meta jsir flimkien ma offiza fuq il-persuna ta' eta' ta' aktar minn hamsa w sittin sena, sekwestru tal-persuna, theddid bil-fomm ta' omicidju u ta' offiza fuq il-persuna , arma, vjolenza numerika u hsara fil-proprjeta'), bil-lok, (f'mahzen jew f'tarznar tal-Gvern , jew f' lok iehor ta' depozitu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita' tal-pubbliku ) u bil-valur, b'dana li hu kien precedentement instab hati ta' delitti, b'sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u ghalhekk huwa recidiv u dan skond it-tieni kap tal-Att ta' l-Akkuza .**

*********

**Semghet ix-xhieda ta' Silvana Cardona prodotta mid-difiza ta' Andy Calleja ghal fini tal-piena;**

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-erba akkuzati w tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;**

Qieset is-sottomissjonijiet **kollha** tad-difiza ta’ **Andy Calleja**, li jinsabu registrati u senjatament, izda mhux biss, is-segwenti w cioe’ li hu kien ammetta mill-ewwel l-involviment tieghu mill-bidu sal-ahhar fl-statement tieghu; li hu kien mifni bil-problema tad-droga u li ma xtaqx ir-rizultat tal-incident u li kien hemm element ta’ rimors ; li hu kellu “up-bringing” hazin u problemi u nuqqas ta’ komunikazzjoni mall-genituri tieghu ; li ghadu sal-lum dispjacut u jilmenta li meta kien intbaghat il-habs l-ewwel darba kienu poggewh mall-maggorenni ; li ghandu japplika l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 ; li kemm ilu l-habs taht arrest preventiv kien ta’ kondotta tajba; li hu kien ghamel ammissjoni bikrija u li f’ kazijiet ohra il-Qorti tat piena entro l-parametri indikati fl-artikolu 492 kif indika l-istess Avukat Generali anki f’ dal-kaz u li dawn il-fatturi kollha kienu jimilitaw favur li din il-Qorti tezercita’ d-diskrezzjoni li kien jaghtiha l-Artikolu 492 (1) tal-Kap. 9.

Qieset is-sottomissjonijiet **kollha** tad-difiza ta’ **Mario Borg** , li jinsabu registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti u cioe’ li hu kellu problemi biex isib ix-xoghol, li kien jabbuza mid-droga, li mill-fedina penali tieghu kien jidher l-kazijiet li kellu kien ilhom u ma kienux affarijiet kbar u li r-recidiva ma kienetx tapplika ghal-kaz tieghu ; li hu ammetta kollox mill-ewwel u dan mhux ghax inqabad “red handed” ; li kemm hu kif ukoll il-familja tieghu dispjacuti ghal dak li gara; li hu ried ihallas biss ta’ dak li kien ghamel hu ; li kemm ilu mizmum taht arrest preventiv qatt ma kellu ebda nuqqas; Qieset ukoll dak li hemm migjub fir-rikors tieghu tal-1 ta’ Gunju, 2004 ghar-rigward tar-recidiva.

Qieset is-sottomissjonijiet **kollha** tad-difiza ta’ **Mark George Falzon** , li jinsabu registrati u senjatament, imma mhux biss, is-segwenti u cioe’ li issa kif gie emendat l-att tal-akkuza is-serq kontemplat fit-tieni kap tal-att tal-akkuza ma baqax wiehed aggravat bil-kwalifika t’ omicidju u kien ghalhekk biss f’dan l-istadju u wara li gie emendat l-att tal-

akkuza, li seta' jammetti u li ghalhekk din l-ammissjoni tieghu kellha titqies bhala wahda bikrija ghax din kienet l-ewwel okkazzjoni li seta' jammetti ; li hu kellu fedina penali netta u li l-aggravanti tar-recidiva ma kienx applikabbli ghalih u ghalhek il-piena kellha tkun inqas minn dik mitluba mill-Avukat Generali li kienet tinkludi l-piena ghar-recidiva . Qabel il-kommissjoni tar-reat ma kellu xejn fil-fedina penali u wara nstab hati biss ta' pussess ta' cannabis ; li peress li r-reat ammess taht l-ewwel kap kien serva bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat fit-tieni kap , ghandha tapplika l-oghola piena skond l-artikolu 17 (h) ; li dan kien kaz izolat ; li hu kien gej minn familja li rabbietu tajjeb; li l-iskop tal-piena kienet ir-riforma u mhux il-vendikazzjoni tas-socjeta' ; li hu kien ammetta kollox minghajr l-aggravju tal-vjolenza bazat fuq l-omicidju.

Qieset is-sottomissjonijiet **kollha** tad-difiza ta' **Ian Galdes**, li jinsabu registrati u senjatament, imma mhux biss, is-segwenti u cioe' li hu kellu diffikultajiet fit-trobbija ghax kien gej minn familja b' genituri separati fejn kien hemm xi mard terminali u hu kien "addict" tad-droga, pero' illum kien riabilitat ; li saret ammissjoni bikrija; li hu kien ta' eta' tenera; li kien jiddispjacih ghal dak li gara; li kellu japplika l-artikolu 17(h); li ghalkemm fl-statement tieghu ma wegibx ghad-domandi li sarulu , wiehed minnu jifhem li diga' kien qal kollox lil Pulizija; li hu kien ghamel periodu taht arrest preventiv ; li ghalkemm veru kien recidiv imma l-Qorti riedet tkun ragjonevoli u li hu ried ibaghti ghal-parti tieghu biss . Ghalhekk talab il-klemenza.

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur Dr. Mark Said, li beda biex qal li dan kien kaz tragiku w gravi ghaliex kien jinvolvi l-mewt ta' ufficjal tal-pulizija, missier ezemplari li kien qed jipprova jissupllimenta d-dhul tieghu ghall-familja billi jaghmel xoghol "extra" bhala gwardja mall-bank fejn inqatel fil-kors tad-doveri tieghu. Kontrastat mall-agir ta' Andy Muscat , jidher li dan kien kaz ukoll ta' spavalderija ta' erba' zaghzagh biex jiehdu l-"easy road" ha jaghmlu kemxa flus. Li l-Prosekuzzjoni kienet taqbel li ghandhu jkun hemm l-assorbiment ghall-fini tal-piena kontemplat fl-artikolu 17 (h) u li skondha l-parametri tal-piena kellhom

ikunu fil-kaz ta’ Mark George Falzon bejn 13 il-xahar u seba snin u fil-kaz ta’ Borg u Galdes bejn hames snin u disgha snin . Fil-kaz ta’ Andy Calleja , seta’ japplika l-artikolu 492 (1) lejn il-massimu tal-parametri fih kontemplati ;

Ikkonsidrat;

Illi mill-fedini penali aggornati tal-erba hatja esebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti jemergu l-fatti segwenti :-

**ANDY CALLEJA** mill-1995 sal-lum instab hati mill-Qrati ghaxar (10) darbiet, f’sitt okkazzjonijiet minnhom **qabel** il-kommissjoni tar-reati minnu hawn ammessi. Fost ir-reati li taghhom instab hati kien hemm zewg kazi ta’ serq aggravat bil-vjolenza jew/u mezz , valur u lok ; zewg kazi ta’ pussess ta’ droga u kaz ta’ reat kontinwat ta’ li ghex minn fuq il-prostituzzjoni ta’ minorenni u li hajjar ghall-prostituzzjoni tfajliet taht l-eta’ jew eccita l-korruzzjoni taghhom u kkorrompa lill-istess minorenni , kif ukoll kaz fejn hu kkaguna danni volontarji u dan bir-recidiva . Kien gie liberat b’ kondizzjoni darbtejn , immultat darbtejn u diga’ kien gie sentenzjat ghall-prigunerija darbtejn . Instab hati ukoll ta’ reati konnessi mas-sewqan li jirrisalu ghall-periodu qabel il-kommissjoni tar-reati hawn ammessi izda li gie misjub hati taghhom u immultat wara li gie arrestat in konnessjoni ma dal-kaz.

**MARIO BORG** instab hati sitt (6) darbiet mill-Qrati, darbtejn fuq reati konnessi mas-sewqan, tlitt darbiet fuq pussess ta’ droga qabel dan il-kaz li ghal zewg kazi minnhom kien lahaq gie sentenzjat qabel il-kommissjoni tar-reati hawn minnu ammessi u darba fl-20 ta’ Frar, 2004 . Fit-tlitt okkazzjonijiet kien gie liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor . Gie ukoll misjub hati ta’ serq aggravat ta’ cheques u ta’ frodi u immultat kif ukoll ta’ offizi fuq ufficjal tal-Pulizija w dawn qabel il-kommissjoni tar-reat hawn minnu ammessi pero’ minnhom kienu gja ghaddew hames snin meta kienu gew kommessi ir-reati in dizamina.F’kull kaz pero’ – apparti li hu ammetta ukoll l-addebitu tar-recidiva w issa ma jistax jerga lura minn din l-ammissjoni - hu xorta wahda jibqa’ recidiv a tenur tal-

artikolu 49 tal-Kap.9 u ghalih hu applikabbli ukoll l-artikolu 289 (1) tal-Kap.9.

**MARK GEORGE FALZON** , li skond l-Att ta' l-Akkuza kif issa emendat,  ma giex akkuzat bir-recidiva , gie misjub hati mill-Qrati sitt (6) darbiet , erba (4) darbiet fuq reati konnessi mas-sewqan , darba talli ghamel storbju w ma obdiex l-ordni legittima tal-Pulizija u darba ghall-pussess ta' droga cannabis u dana kollha ghall-episodji li jirrisalu ghal zmien qabel il-kommissjoni tar-reati hawn ammessi , ghalkemm ghall-ahhar reat gie sentenzjat wara .

**IAN GALDES** instab hati mill-Qrati hames (5) darbiet ; tlitt (3) darbiet ghall-pussess ta' droga eroina jew cannabis fi tlitt okkazzjonijiet qabel il-kommissjoni tar-reati hawn ammessi , ghalkemm fl-ahhar okkazzjoni s-sentenza nghatat wara l-kommissjoni tar-reati in dizamina. Darba nstab hati ta' pussess ta' arma (mus) u darba tar-reat ta' omicidju involontarju w reati ohra inkluz falsifikazzjoini ta' dokumenti li kollha gew kommessi qabel ir-reati hawn ammessi . Darba wehel prigunerija w darba nghata sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghall-erba snin . Ghalkemm dawn ir-reati gew kommessi kollha qabel il-kommissjoni tar-reati hawn ammessi minnu , fl-ahhar zewg kazijiet is-sentenza nghatat wara ;

Ikkonsidrat

**Li ghal dak li jirrigwarda lil hati** Andy Calleja**, ghalkemm il-piena ghal serq aggravat b'omicidju volontarju hija dik ta' ghomor il-habs,  l-Artikolu 492 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu w ghal fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ghal prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tista',  minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena;**

**Illi biex din il-Qorti waslet biex tiddeciedi jekk f' dan il-kaz kelliex tuza id-diskrezzjoni li tatiha l-ligi qieset il-**

**fatturi kollha imsemmija mill-prosekuzzjoni u d-difiza fit-trattazzjoni taghhom.**

**Illi wahda mir-ragunijiet li adduciet id-difiza fir-rigward kienet il-fatt li l-hati ammetta .**

**Issa pero' kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** “Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**” [5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.**

**Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha “**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**”, [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza** “Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**” , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-**

“Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate “discount” has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that “something in the order of one-third would very often be an appropriate discount”, but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy*

[1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of ‘tactical plea’ , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..”

**Ikkonsidrat ;**

**Illi f’dan il-kaz, meta Andy Calleja tressaq il-Qorti fl-14 ta’ Novembru, 2001 u gie mistoqsi jekk riedx iwiegeb u x’iwiegeb fuq l-akkuza, wiegeb li jirrizerva . Meta umbaghad rega’ resaq fit-22 ta’ Novembru, 2001 u rega’ sar l-ezami, wiegeb li ma kienx hati w dan minkejja li hu kien diga’ ammetta l-involviment tieghu fil-qtil ta’ PC Roger Debsttista waqt is-serqa mill-bank fl-istqarrija tieghu lil Pulizija. Hu zamm din il-pozizzjoni ferma tul il-kumpilazzjoni kollha u baqa ma rregistrax ammissjoni. Meta umbaghad hu gie notifikat bl-att tal-akkuza odjern fis-7 ta’ Mejju, 2003, hu llimita ruhu li jipprezenta nota b’lista tax-xhieda in difesa w ma ta ebda indikazzjoni li kien behsiebu jammetti, kif seta’ facilment jaghmel b’nota appozita kieku ried. L-ammissjoni tieghu saret biss seduta**

**stante fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2004 , kwazi tlitt snin u nofs wara l-kommissjoni tar-reati minnu ammessi.**

Hu minnu li l-hati meta l-kawza giet appuntata ghas-smiegh quddiem din il-Qorti kkoopera billi rrinunzja ghal kull terminu w ammetta, imma fic-cirkostanzi meta wiehed iqis "***iter"*** tal-process ma jistax jintqal li f'dan il-kaz kien hemm xi ammissjoni bikrija, li tkun awtomatikament tintitola lill-hati ghal xi riduzzjoni sostanzjali fil-piena. Dan anzi kien kaz fejn, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata l-hati ***"delayed his plea until the final moment ".*** Inoltre mill-precedenti penali tal-hati fuq imsemmija w bil-mod kif fi ftit snin iggradwa mis-serq aggravat , ghall-pussess tad-droga, ghall-prostituzzjoni w korruzzjoni ta' diversi tfajliet minorenni w finalment inkuruna l-"opus" kriminali tieghu b'serq aggravat bi qtil ta' kuntistabbli tal-Puliziuja, jidher car li hu ta' minaccja serja ghas-socjeta' w li ***"..the protection of the public makes it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence be passed."***

**Fid-dawl ta' dan kollu ghalkemm il-Qorti ghandha l-fakulta' li minflok piena ghal ghomor tapplika l-piena fil-parametri indikati fl-Artikolu 492 (1) stante li giet registrata ammissjoni qabel ma gie format il-guri, meta giet biex tiddeciedi jekk ghandhiex tezercita id-diskrezzjoni li tatiha l-ligi biex ma tapplikax il-piena ta' ghomor il-habs jew le, il-Qorti ghalkemm qieset il-konsiderazzjonijiet kollha msemmija mid-difiza favur il-hati w senjatament l-ammissjoni, ghallinqas f'dan l-ahhar stadju tal-process, kif ukoll il-fatturi kollha li semma l-abbli difensur tieghu fuq gja in succint riepilogati, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li minhabba dan id-delitt tragiku , deliberat u krudili, motivat mill-flus, fejn il-hati , wara li fera lill-kuntistabbli Debattista meta spara fuq il-bieb tal-bank ,hass li kellu jerga jisparalu ghall-darba ohra b'senter minn distanza ravvicinata f' parti vitali ta'gismu. L-agir kiefer tal-hati wassal biex inqatel Kuntistabbli tal-Pulizija fil-qadi tad-dmirijiet tieghu li jipprotegi il-hajja ta' bnedmin ohra li kienu fil-bank li kien qed jigi attakkat u l-proprjeta' kemm tal-bank kif ukoll tac-cittadini l-ohra li**

**dak il-hin kienu qed jinqdew hemm. Il-gravita' ta' dan l-omicidju li akkompanja w aggrava r-reat ta' serq ammess mill-hati fit-tieni kap tal-Att tal-Akkuza hija tali li , konsidrata l-fedina penali refrattarja tal-hati recidiv fuq imsemmija, tqis li m'ghandhiex f' dan il-kaz tezercita d-diskrezzjoni li tatiha l-ligi fl-artikolu 492 (1) tal-Kap.9.**

**Ikkonsidrat :**

**Li ghar-rigward ta'** Mario Borg **, ghalkemm dan ukoll fil-bidu kien irrizerva , fit-tieni seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien irrisponda li ma kienx hati.**
Meta hu gie notifikat bl-att tal-akkuza kien ipprezenta nota tal-eccezzjonijiet preliminari taht forma irritwali , tant li wara din giet minnu rtirata w sostitwita b' nota tax-xhieda li pero' giet prezentata tardivament. Pero', malli l-akkuza kontenuta fit-tieni kap giet emendata fil-konfront tieghu , hu ammetta fl-ewwel opportunita' li kellu biex jaghmel dan quddiem din il-Qorti. Illi l-Qorti qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tieghu kif ukoll ir-rikors tieghu tal-1 ta' Gunju, 2004, ir-risposta tal-Avukat Generali u d-Digriet taghha tal-istess data , u l-kondotta tieghu precedenti ghall-kommissjoni tar-reati minnu hawn ammessi .

**Ikkonsidrat**

**Li ghar-rigward ta'** Mark George Falzon **, ghalkemm dan ukoll fil-bidu kien irrizerva , fit-tieni seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien irrisponda li ma kienx hati. Pero' malli l-akkuza kontenuta fit-tieni kap giet emendata fil-konfront tieghu , hu ammetta fl-ewwel opportunita' li kellu biex jaghmel dan quddiem din il-Qorti. Illi l-Qorti qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tieghu fuq riprodotti in succint , u l-fedina penali tieghu kif ukoll li fil-kaz tieghu l-Avukat Generali irtira l-addebitu tar-recidiva.**

**Ikkonsidrat ;**

**Li ghar-rigward ta'** Ian Galdes**, ghalkemm dan ukoll fil-bidu kien irrizerva , fit-tieni seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien irrisponda li ma kienx hati. Pero' malli l-akkuza kontenuta fit-tieni kap giet emendata fil-konfront tieghu , hu ammetta fl-ewwel opportunita' li kellu biex jaghmel dan quddiem din il-Qorti. Illi l-Qorti qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tieghu fuq riprodotti in succint , u l-fedina penali tieghu w l-fatt li hu recidiv ;**

**Qieset ukoll li ghall-fini tal-piena hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiza li r-reat taht l-ewwel kap ta' l-Att tal-akkuza serva bhala mezz ghall-fini biex jigi kommess ir-reat taht it-tieni kap tal-att ta' l-Akkuza u ghalhekk hu applikabbli l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 fil-konfront tal-erba hatja ; U peress li fil-kaz tal-hatja kollha hlief Andy Calleja , l-oghla piena hija dik mitluba mill-Avukat Generali fl-ewwel kap tal-att tal-akkuza , ghandha tittiehed in konsiderazzjoni dik il-piena biss . Fil-kaz ta' Andy Calleja tittiehed in konsiderazzjoni il-piena stabilita mill-ligi ghall-htija skond it-tieni Kap.**

**Mill-banda l-ohra qieset fir-rigward tal-hatja Borg, Falzon u Galdes li, ghalkemm huma ma ghandhomx jirrispondu ghall-aggravju tal-vjolenza bazat fuq omicidju volontarju , issa li dan gie rtirat fil-konfront taghhom , huma xorta wahda ammettew u instabu hatja ta' zewg serqiet li wahda minnhom kien "hold up" tal-klienti w impjegati tal-bank . Dan it-tip ta' delitt kull ma jmur qed isir aktar u aktar komuni w qed jirreka alarm kbir lis-socjeta' minhabba l-perikolu li johloq ghall-kull min jinzerta prezenti f' dawn il-postijiet fejn jinqeda' l-pubbliku bhal ma huma banek, banek tal-lottu , hwienet ecc. Hu ghalhekk li hemm bzonn li jigi repress bil-qawwa kollha tal-ligi . Umbaghad il-Qorti ma tistax taccetta s-sottomissjoni li persuni li jabbuzaw mid-droga – li minnu nnifsu huwa ksur gravi tal-ligi – ghandhom jibbenefikaw minn xi trattament aktar miti minn delinkwenti ohra li ma jkunux hekk ivvizzjati . Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti dan il-fattur ma jistax jitqies bhala attenwant .**

**Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261 (a)(b)(c)(e)(g), 262 (1)(a)(b)(2) , 263(a)(b), 264,267, 269(d),271(g), 272, 275,276, 276A, 277 (b), 279 (a)(b), 280 (1)(2), 281 (b), 289, 329,492 (1) u 17(h),20,22,23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali;**

**Tikkundanna lill-hati** Andy Calleja**, recidiv, ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru kif ukoll tikkunndannah li jhallas is-somma ta' hames mija u wiehed u sittin lira Maltija u tminja w sittin centezmu (LM561.68c), import ta' kwart (1/4) tal-ispejjez tal-perizji inkorsi tul il-process tal-hati li b'kollox jammontaw ghal LM2246.75c a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tikkundanna lill-hati** Mario Borg**, recidiv, ghall-piena ta' seba snin prigunerija kif ukoll tikkunndannah li jhallas is-somma ta' hames mija u wiehed u sittin lira Maltija w tminja w sittin centezmu (LM561.68c ), import ta' kwart (1/4) tal-ispejjez tal-perizji inkorsi tul il-process tal-hati kif fuq intqal a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tikkundanna lill-hati** Mark George Falzon **ghall-piena ta' hames snin prigunerija kif ukoll tikkunndannah li jhallas is-somma ta' hames mija u wiehed u sittin lira Maltija u tminja w sittin centezmu (LM561.68c ), import ta' kwart (1/4) tal-ispejjez tal-perizji inkorsi tul il-process tal-hati kif fuq intqal a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**U tikkundanna lill-hati** Ian Galdes**, recidiv, ghall-piena ta' seba snin prigunerija kif ukoll tikkunndannah li jhallas is-somma ta' hames mija u wiehed u sittin lira Maltija u tminja w sittin centezmu (LM561.68c), import ta' kwart (1/4) tal-ispejjez tal-perizji inkorsi tul il-process tal-hati kif fuq inghid a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Mill-periodu ta' prigunerija li ghalih gew kundannati l-hatja Mario Borg, Mark**

**George Falzon u Ian Galdes irid jitnaqqas kull zmien li huma ghamlu taht arrest**

**preventiv rispettivament biss in konnessjoni ma dan il-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------